



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 16 ta' Diċembru 2020
(OR. en)

14137/20

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0355(NLE)

ENV 815
ENT 153
ONU 86

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	16 ta' Diċembru 2020
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2020) 801 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar is-sottomissjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' proposta għal deċiżjoni tal-Korp Eżekuttiv dwar il-metodoloġija għall-aġġustamenti biex jiġu riflessi l-bidliet fis-sħubija tal-Unjoni Ewropea, fid-dawl tal-41 sessjoni tal-Korp Eżekuttiv skont il-Konvenzjoni fuq it-Tniġġis tal-Arja Transkonfini fuq Distanza Kbira, u dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea f'din is-sessjoni

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2020) 801 final.

Mehmuż: COM(2020) 801 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 15.12.2020
COM(2020) 801 final

2020/0355 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar is-sottomissjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' proposta għal deċiżjoni tal-Korp Eżekuttiv dwar il-metodoloġija għall-aġġustamenti biex jiġu riflessi l-bidliet fis-sħubija tal-Unjoni Ewropea, fid-dawl tal-41 sessjoni tal-Korp Eżekuttiv skont il-Konvenzjoni fuq it-Tniġġis tal-Arja Transkonfini fuq Distanza Kbira, u dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea f'din is-sessjoni

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill tikkonċerna s-sottomissjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' proposta għal deċiżjoni tal-Korp Eżekuttiv dwar il-metodoloġija għall-aġġustamenti għat-tabelli 2 sa 6 tal-Anness II tal-Protokoll għat-tnaqqis tal-Aċidifikazzjoni, l-Ewtrofikazzjoni u l-Ożonu Troposferiku (il-“Protokoll ta’ Gothenburg”), kif emendat fl-2012, skont il-Konvenzjoni fuq it-Tniġġis tal-Arja Transkonfini fuq Distanza Kbira (il-“Konvenzjoni dwar l-Arja”), biex jitqiesu l-bidliet fis-sħubija fl-Unjoni Ewropea. Il-proposta għad-deċiżjoni tal-Korp Eżekuttiv titressaq fid-dawl tal-41 sessjoni tal-Korp Eżekuttiv tal-Konvenzjoni dwar l-Arja.

Din il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill tkopri wkoll il-pożizzjoni ta’ negozjar tal-Unjoni Ewropea rigward id-deċiżjoni tal-Korp Eżekuttiv vis-à-vis kummenti minn partijiet oħra dwar is-sottomissjoni tal-UE.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Konvenzjoni dwar l-Arja u l-Protokoll ta’ Gothenburg (kif emendat fl-2012)

Il-Konvenzjoni dwar l-Arja, adottata fl-1979, hija l-aktar ftehim ambjentali reġjonali avanzat li jindirizza l-kwalità tal-arja u t-tniġġis tal-arja.

Skont il-Konvenzjoni dwar l-Arja, il-Protokoll ta’ Gothenburg oriġinali ġie miftiehem f’Novembru 1999. Il-Protokoll ta’ Gothenburg ġie emendat fl-2012. Il-verżjoni emendata daħlet fis-seħħ fis-7 ta’ Ottubru 2019. Il-Protokoll emendat kien jifforma l-bażi għall-impenji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet mill-2020 sal-2029 skont id-Direttiva (UE) 2016/2284 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta’ ċerti inkwinanti atmosferiċi li ħassret id-Direttiva 2001/81/KE dwar il-limiti nazzjonali tal-emissjonijiet.

L-Unjoni Ewropea hija Parti għall-Konvenzjoni dwar l-Arja¹ u għall-Protokoll ta’ Gothenburg kif emendat fl-2012². L-Istati Membri kollha huma Partijiet għall-Konvenzjoni dwar l-Arja; 21 Stat Membru huma Partijiet għall-Protokoll ta’ Gothenburg originali³ u sa issa, 17-il Stat Membru aċċettaw l-emenda tal-2012 għall-Protokoll ta’ Gothenburg⁴.

2.2. Il-Korp Eżekuttiv tal-Konvenzjoni dwar l-Arja

Il-Korp Eżekuttiv huwa l-korp ta’ tmexxija tal-Konvenzjoni dwar l-Arja u huwa magħmul minn rappreżentanti tal-Partijiet għall-Konvenzjoni. Skont l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni

¹ 81/462/KEE: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-11 ta’ Ġunju 1981 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni dwar it-tniġġis transkonfini tal-arja f’distanza twila, ĠU L 171, 27.6.1981, p. 11–24.

² 2003/507/KE: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta’ Ġunju 2003 dwar l-adeżjoni tal-Komunità Ewropea għall-Protokoll għall-Konvenzjoni tal-1979 dwar it-Tiġis tal-Arja Transkonfini fit-Tul biex Titnaqqas l-Aċidifikazzjoni, l-Ewtrofikazzjoni u l-Ożonu ta’ ma’ Wiċċ l-Art, ĠU L 179, 17/07/2003 P. 0001 – 0002; Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1757 tas-17 ta’ Lulju 2017 dwar l-aċċettazzjoni f’isem l-Unjoni Ewropea ta’ Emenda lill-Protokoll tal-1999 għall-Konvenzjoni tal-1979 dwar it-Tniġġis Transkonfini tal-Arja Fuq Distanza Twila Sabiex Jitnaqqsu l-Aċidifikazzjoni, l-Ewtrofikazzjoni u l-Ożonu Troposferiku, ĠU L 248, 27.9.2017, p. 3–75.

³ il-Belġju, il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, in-Netherlands, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja u l-Iżvezja (status tar-ratifiki fl-1 ta’ Ottubru 2020).

⁴ il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, in-Netherlands, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, Spanja u l-Iżvezja (status tar-ratifiki fl-1 ta’ Ottubru 2020).

dwar l-Arja, il-Korp Eżekuttiv għandu jirrieżamina l-implimentazzjoni u l-iżvilupp tal-Konvenzjoni dwar l-Arja u l-Protokoll tagħha.

Il-Korp Eżekuttiv għandu l-għan li jilħaq id-deċiżjonijiet tiegħu b'konsens⁵.

2.3. L-att previst tal-Korp Eżekuttiv

Jenħtieġ li l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha jissottomettu proposta għal deċiżjoni tal-Korp Eżekuttiv li tistabbilixxi l-metodoloġija għall-aġġustamenti għat-Tabelli 2 sa 6 tal-Anness II tal-Protokoll ta' Gothenburg, kif emendat fl-2012, biex jitqiesu l-bidliet fis-sħubija tal-Unjoni Ewropea ("l-att previst").

L-għan tal-att previst huwa li jiġi żgurat li r-rieżamijiet tal-konformità skont il-Protokoll emendat isiru abbażi tan-numri korretti għall-Unjoni Ewropea. It-Tabelli 2 sa 6 tal-Anness II jelenkaw il-livelli nazzjonali ta' emissjonijiet tal-Istati Membri għall-2005 (xenarju bażi) u l-impenji nazzjonali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet mill-2020 u lil hinn għal kull inkwinant (għad-diossidu tal-kubrit, għall-ossidi tan-nitroġenu, għall-ammonja, għall-komposti organiċi volatili u għall-materja partikolata fina). It-tabelli kollha jinkludu wkoll ringiela li turi t-totali tal-UE (is-somma tal-linji bażi tal-Istati Membri tal-UE f'kilotunnellati ta' emissjonijiet fl-2005; u s-somma tal-impenji għat-tnaqqis tal-Istati Membri tal-UE espressa b'ħala l-bidla totali f'% meta mqabbla mas-somma tal-linji bażi tal-Istati Membri tal-UE). Fil-preżent, il-valur tal-UE f'dawn it-tabelli huwa s-somma tal-EU27(2013), li tirrifletti s-sħubija tal-Unjoni Ewropea fiż-żmien tal-emenda tal-Protokoll fl-2012. L-Anness II għalhekk jirrikjedi korrezzjoni.

Ir-regoli attwali għadhom ma jipprovdex il-metodoloġija għal dan il-każ speċifiku ta' aġġustament tekniku, kif ġie konkluż mill-Korp Eżekuttiv fis-36 sessjoni tiegħu. Deċiżjoni simili tal-Korp Eżekuttiv dwar il-possibbiltà li jiġu aġġustati l-limiti tal-emissjonijiet tal-Unjoni Ewropea fil-Protokoll ta' Gothenburg oriġinali ġiet adottata fl-2017⁶, wara proposta mill-Unjoni Ewropea fuq talba mill-Korp Eżekuttiv fis-36 sessjoni tiegħu. Billi l-Protokoll ta' Gothenburg emendat kien għadu ma daħalx fis-seħħ dak iż-żmien, ma kienx kopert mid-deċiżjoni tal-Korp Eżekuttiv tal-2017.

Deċiżjoni tal-Korp Eżekuttiv dwar il-metodoloġija tal-adattament tal-valuri tal-Unjoni Ewropea fit-Tabelli 2 sa 6 tal-Anness II tal-Protokoll ta' Gothenburg emendat jeħtieġ li tiġi adottata preferibbilment fis-sessjoni addizzjonali tentattiva tal-Korp Eżekuttiv f'Mejju 2021 u l-aktar tard matul is-sessjoni tal-Korp Eżekuttiv f'Diċembru 2021 sabiex l-aġġustament tat-tabelli jkun jista' jintalab qabel il-bidu tal-ewwel rieżami tal-konformità tad-data tal-2020 (mistenni għal Q2 2022).

L-att previst se japplika minn meta tiġi adottata d-deċiżjoni tal-Korp Eżekuttiv. L-att previst, ladarba jiġi adottat, se jippermetti lill-Unjoni Ewropea tissottometti l-aġġornamenti tekniċi meħtieġa biex jiġu riflessi l-bidliet fis-sħubija tal-Unjoni Ewropea. Il-kompitu tas-sottomissjoni tal-aġġustamenti biex jitqiesu l-bidliet fis-sħubija fis-Segretarjat tal-Konvenzjoni dwar l-Arja se jitlesta mill-Kummissjoni f'isem l-Unjoni Ewropea.

3. IL-POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

L-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tippreżenta proposta għal deċiżjoni biex tiġi adottata mill-Korp Eżekuttiv tal-Konvenzjoni dwar l-Arja (ara l-abbozz ta' sottomissjoni fl-Anness I).

⁵ Regoli ta' proċedura għas-sessjonijiet tal-Korp Eżekuttiv tal-Konvenzjoni fuq it-Tniġġis tal-Arja Transkonfinali fuq Distanza Kbira kif adottati bid-deċiżjoni 2010/19 u emendati bid-deċiżjoni 2013/1, Regola 29.

⁶ Id-Deċiżjoni tal-Korp Eżekuttiv 2017/3, https://www.unece.org/fileadmin/DAM/env/documents/2017/AIR/EB/EB_Decisions_2017_3-E.pdf

L-għan ta' din il-proposta huwa li tiġi adottata metodoloġija li tippermetti aġġustamenti tekniċi tal-linji bażi tal-emissjonijiet tal-Unjoni Ewropea u impenji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet fit-Tabelli 2 sa 6 tal-Anness II tal-Protokoll ta' Gothenburg emendat, biex jiġi żgurat li l-valuri tal-Unjoni Ewropea f'dawn it-tabelli jirriflettu b'mod korrett is-somma tal-linji bażi tal-emissjonijiet tal-Istati Membri tagħha u l-impenji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet, wara bidliet fis-sħubija tal-Unjoni Ewropea. Il-possibbiltà li dawn it-tabelli jiġu aġġustati fiċ-ċirkostanza speċifika tal-bidliet fis-sħubija tal-Unjoni Ewropea hija meħtieġa għall-finijiet tar-rieżami korrett tal-konformità tal-obbligi tal-Unjoni Ewropea skont il-Protokoll ta' Gothenburg emendat.

Jekk Partijiet oħra jipproponu l-abbozzar ta' bidliet fid-deċiżjoni proposta tal-Korp Eżekuttiv li jistgħu jiksbu l-istess objettivi bħal dawk segwiti mill-proposta tal-Unjoni Ewropea, tali proposti jistgħu, fil-prinċipju, jiġu appoġġati mill-Unjoni Ewropea.

Proposti biex jiġu aġġustati l-limiti nazzjonali tal-emissjonijiet jew l-impenji nazzjonali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-Istati Membri (l-impatt politiku) mhux se jiġu appoġġati iżda se jitressqu għal diskussjoni separata, b'mod partikolari fir-rigward tar-rieżami kurrenti tal-Protokoll ta' Gothenburg emendat.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu *“il-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.”*

Il-kunċett ta' *“atti li jkollhom effetti legali”* jinkludi l-atti li għandhom effetti ġuridiċi skont ir-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregola l-korp inkwistjoni. Dan jinkludi wkoll l-istrumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li *“jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatura tal-Unjoni”*⁷.

4.1.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

Il-Korp Eżekuttiv huwa korp stabbilit bi ftehim, jiġifieri l-Konvenzjoni dwar l-Arja.

L-att li l-Korp Eżekuttiv huwa mitlub jadotta jikkostitwixxi att b'effetti legali. L-att previst se jkun vinkolanti skont il-liġi internazzjonali f'konformità mal-Artikolu 13(5) tal-Protokoll ta' Gothenburg emendat.

L-att previst la jissupplimenta u lanqas jemenda l-qafas istituzzjonali tal-Konvenzjoni dwar l-Arja jew tal-Protokoll ta' Gothenburg.

Għalhekk, il-baży ġuridika proċedurali għad-Deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Baży ġuridika sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-baży ġuridika sostantiva biex tittieħed deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-objettiv u mill-kontenut tal-att previst li dwarhom tittieħed

⁷ Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.

pożizzjoni f'isem l-Unjoni Ewropea. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawn l-għanijiet jew komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tkun imsejsa fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik rikjesta mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

L-objettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst jirrigwardaw l-ambjent.

Għalhekk, il-bażi ġuridika sostantiva għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 192(1) tat-TFUE.

4.3. Konklużjoni

Il-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta jenħtieġ li tkun l-Artikolu 192(1) tat-TFUE flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

5. PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST

MHUX APPLIKABBLI

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar is-sottomissjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' proposta għal deċiżjoni tal-Korp Eżekuttiv dwar il-metodoloġija għall-aġġustamenti biex jiġu riflessi l-bidliet fis-sħubija tal-Unjoni Ewropea, fid-dawl tal-41 sessjoni tal-Korp Eżekuttiv skont il-Konvenzjoni fuq it-Tniġġis tal-Arja Transkonfini fuq Distanza Kbira, u dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea f'din is-sessjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Protokoll għat-Tnaqqis tal-Aċidifikazzjoni, l-Ewtrofikazzjoni u l-Ożonu Troposferiku fil-verżjoni emendata adottata fl-2012 ("il-Protokoll ta' Gothenburg emendat") skont il-Konvenzjoni fuq it-Tniġġis tal-Arja Transkonfini fuq Distanza Kbira ("il-Konvenzjoni dwar l-Arja") ġie approvat mill-Unjoni Ewropea permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1757 u daħal fis-seħħ fis-7 ta' Ottubru 2019.
- (2) Skont l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni dwar l-Arja, il-Korp Eżekuttiv għandu jirrieżamina l-implimentazzjoni u l-iżvilupp tal-Konvenzjoni dwar l-Arja u l-Protokolli tagħha u jista' jadotta deċiżjonijiet biex jiċċara l-implimentazzjoni ta' dawn il-Protokolli.
- (3) Fis-36 sessjoni tal-Korp Eżekuttiv tal-Konvenzjoni dwar l-Arja, il-Partijiet għall-Konvenzjoni appellaw lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri tagħha biex jipproponu metodoloġija għall-aġġustament tal-limiti tal-emissjonijiet tal-Unjoni Ewropea fit-Tabella 1 tal-Anness II tal-Protokoll ta' Gothenburg oriġinali (il-verżjoni adottata fl-1999), biex jitqiesu l-bidliet fis-sħubija fl-Unjoni Ewropea;
- (4) Fis-37 sessjoni tal-Korp Eżekuttiv tal-Konvenzjoni dwar l-Arja, id-deċiżjoni sussegwentement proposta mill-Unjoni Ewropea u mill-Istati Membri tagħha ġiet adottata⁸.
- (5) Il-metodoloġija għall-aġġustament tal-valuri tal-Unjoni Ewropea fit-Tabelli 2 sa 6 tal-Anness II tal-Protokoll ta' Gothenburg emendat biex jitqiesu l-bidliet fis-sħubija mal-Unjoni Ewropea hija meħtieġa biex tippermetti li bidliet fis-sħubija mal-Unjoni Ewropea jiġu riflessi b'mod korrett fid-dawl tar-rieżami tal-konformità tal-Unjoni Ewropea mal-obbligi skont il-Protokoll ta' Gothenburg emendat. Dan ma huwa marbut mal-ebda aġġustament tal-limiti nazzjonali tal-emissjonijiet jew mal-impenji nazzjonali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet fl-istess tabelli.

⁸ Id-Deċiżjoni 2017/3 tal-Korp Eżekuttiv dwar l-Konvenzjoni dwar l-Arja, https://www.unece.org/fileadmin/DAM/env/documents/2017/AIR/EB/EB_Decisions_2017_3-E.pdf

- (6) Ladarba l-metodoloġija għall-aġġustamenti tiġi adottata mill-Korp Eżekuttiv, jenħtieġ li l-Kummissjoni tippreżenta f'isem l-Unjoni Ewropea l-aġġustamenti meħtieġa lis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti li jimplimenta dik il-metodoloġija, biex jitqiesu l-bidliet fis-sħubija tal-Unjoni Ewropea minn meta ġie adottat il-Protokoll ta' Gothenburg emendat u bl-istess mod jiġi ppreżentat kwalunkwe aġġustament meħtieġ f'każ ta' bidliet sussegwenti fis-sħubija tal-Unjoni Ewropea.
- (7) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Korp Eżekuttiv, peress li d-deċiżjoni tal-Korp Eżekuttiv se tkun vinkolanti għall-Unjoni Ewropea.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI

Artikolu 1

1. Fil-41 sessjoni tal-Korp Eżekuttiv għall-Konvenzjoni dwar l-Arja, l-Unjoni Ewropea għandha ssegwi l-oġġettiv li ġej: li tiġi stabbilita l-metodoloġija li tippermetti l-aġġustamenti tal-linji bażi tal-emissjonijiet tal-Unjoni Ewropea u l-impenji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet fit-Tabelli 2 sa 6 tal-Anness II tal-Protokoll ta' Gothenburg emendat, biex jiġi żgurat li l-valuri tal-Unjoni Ewropea f'dawn it-tabelli jkunu jistgħu jiġu aġġustati biex jirriflettu b'mod korrett is-somma totali tal-linji bażi tal-emissjonijiet tal-Istati Membri tagħha u l-impenji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet, wara bidliet fis-sħubija fl-Unjoni Ewropea.
2. Fid-dawl tal-41 sessjoni tal-Korp Eżekuttiv għall-Konvenzjoni dwar l-Arja, u sabiex jinkiseb l-oġġettiv definit fil-paragrafu 1, l-Unjoni Ewropea għandha tissottometti l-proposta għall-metodoloġija ta' aġġustament meħtieġa li hija Annessa ma' din id-Deċiżjoni.
3. Il-Kummissjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, għandha tikkomunika dik il-proposta lis-Segretarjat tal-Konvenzjoni.

Artikolu 2

L-Unjoni Ewropea tista' tappoġġa l-emendi proposti minn Partijiet oħra għall-Konvenzjoni bil-kundizzjoni li dawn jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Unjoni Ewropea kif elenkati fl-Artikolu 1.

Artikolu 3

Jista' jintlaħaq qbil dwar l-irfinar tal-pożizzjoni msemmija fl-Artikoli 1 u 2, fid-dawl tal-iżviluppi fil-41 sessjoni tal-Korp Eżekuttiv tal-Konvenzjoni dwar l-Arja, minn rappreżentanti tal-Unjoni Ewropea, f'konsultazzjoni mal-Istati Membri, waqt il-laqgħat ta' koordinazzjoni fuq il-post, mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

Artikolu 4

Ladarba l-metodoloġija li tippermetti dawn l-aġġustamenti tkun ġiet adottata mill-Korp Eżekuttiv tal-Konvenzjoni dwar l-Arja, il-Kummissjoni għandha tippreżenta, f'isem l-Unjoni Ewropea, l-aġġustamenti meħtieġa li jimplimentaw dik il-metodoloġija.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President